



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 18.02.2005
KUMM(2005) 53 finali

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar azzjonijiet ta' prijorità biex tiżdied il-kooperazzjoni fil-qasam ta' l-arkivji fl-Ewropa

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fis-6 ta' Mejju, 2003, il-Kunsill tal-Ministri ta' l-Unjoni Ewropea ħareġ riżoluzzjoni dwar l-arkivji fl-Istati Membri¹. Din ir-riżoluzzjoni stiednet lill-Kummissjoni biex tlaqqa' grupp ta' esperti, li kellu anki jkun rappreżentattiv ta' l-Istati Membri l-ġodda, bil-għan li jkunu mgħarbla għadd ta' kwistjonijiet dwar is-sitwazzjoni ta' l-arkivji fl-Unjoni Ewropea, u biex jippreżenta rapport lill-Kunsill li jkun jinkludi orjentamenti lejn kooperazzjoni akbar fil-futur dwar l-arkivji, fuq livell Ewropew.

Ir-Riżoluzzjoni tas-6 ta' Mejju, 2003, tkompli fejn ħalliet riżoluzzjoni aktar bikrija tal-Kunsill, ta' l-14 ta' Novembru, 1991². Din ir-riżoluzzjoni ta' l-14 ta' Novembru, 1991, issarrfet f'rapport minn grupp ta' esperti, *L-Arkivji fl-Unjoni Ewropea*³, li ġie ppreżentat lill-Kunsill fl-1993. Lil hinn minn dan ir-rapport, il-Kunsill, fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ġunju, 1994⁴, saħaq fuq l-importanza ta' l-arkivji bħala parti minn wirt l-Ewropa, u laħaq qbil dwar l-importanza ta' kooperazzjoni akbar fil-qasam ta' l-arkivji. Dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill kienu katalist importanti biex tisserddaq il-kooperazzjoni bejn is-servizzi ta' l-arkivji fl-Ewropa f'dawn l-aħħar għaxar snin.

Mill-1993 lil hawn, it-teknoloġija ta' l-informatika u l-komunikazzjoni għamlu progress mgħaġġel u kontinwu, u dan kellu effetti diretti fuq kif jinżammu d-dokumenti u l-arkivji. Barra minn dan, tul dan il-perjodu, l-Unjoni Ewropea kibret minn 12 għal 25 Stat Membru. Ħafna mill-Istati Membri, u tabilħaq l-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea nfushom, daħħlu ħafna tibdil fil-liġijiet tagħhom bl-iskop li jagħtu garanzija liċ-ċittadini ta' aċċess aħjar għall-informazzjoni u d-dokumenti. Kibret ħafna wkoll l-importanza tat-twassil ta' l-informazzjoni bejn il-pajjiżi. Dawn l-iżviluppi kellhom konsegwenzi sinifikanti fil-mod kif jinżammu d-dokumenti u l-arkivji, u wasslu biex ikun hawn għarfien akbar tal-ħtieġa li tiżdied il-kooperazzjoni f'dan il-qasam bejn l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet ta' l-UE.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni laqgħet pożittivament ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju, 2003, li ratha bħala opportunità biex ikunu indirizzati l-kwistjonijiet dwar iż-żamma tad-dokumenti u l-arkivji fl-Unjoni Ewropea mkabbra. B'risposta għar-riżoluzzjoni tal-Kunsill, grupp magħmul minn esperti minn kull wieħed mill-25 Stat Membru, għenu lill-Kummissjoni fit-tħejjija ta' *Rapport dwar l-Arkivji fl-Unjoni Ewropea mkabbra*. Dan ir-Rapport qed jiġi ppreżentat lill-Kunsill, flimkien mal-proposta meħmuża tal-Kummissjoni, għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar azzjonijiet ta' prijorità biex titkattar il-kooperazzjoni dwar l-arkivji fl-Ewropa.

Ir-Rapport jiddeskrivi s-sitwazzjoni preżenti ta' l-arkivji pubbliċi fl-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll kif x'aktarx li tiżviluppa ż-żamma tad-dokumenti u l-arkivji, u r-rwol tas-servizzi ta' l-arkivji, fis-seklu 21.

¹ ĠU C113 tat-13.5.2003

² ĠU C314 tal-5.12.1991

³ OPOCE, 1994, ISBN 92-826-8233-1

⁴ ĠU C235 tat-23.8.1994

B'konformità mar-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju, 2003, ir-Rapport jinkludi għadd ta' indikazzjonijiet għal aktar kooperazzjoni dwar l-arkivji fil-futur, kif ukoll xi suġġerimenti għal azzjonijiet konkreti fil-qasam ta' l-arkivji fuq livell Ewropew⁵.

L-azzjonijiet ta' prijorità msemija fir-Rapport jinkludu miżuri biex ma ssirx ħsara lil dokumenti, jew biex il-ħsara titnaqqas, jew biex ma jintilfulx arkivji minħabba diżastri naturali jew ta' tip ieħor, u dan billi jittieħed kont ta' l-esperjenza ta' diżastri naturali bħal ma kien l-għargħar ta' dan l-aħħar f'pajjiżi Ewropej differenti. Qed ikun propost ukoll li l-ħarsien ta' dokumenti u arkivji jittejjeb permezz ta' miżuri biex titjieb il-kwalità, u jitjiebu l-ispeċifikazzjonijiet tal-bini fejn l-arkivji jinżammu. Il-kooperazzjoni dwar l-arkivji għandha tissaħħaħ speċjalment fil-qasam ta' l-awtentiċità, il-preservazzjoni għal żmien twil, u l-aċċessibilità għal dokumenti u arkivji elettroniċi. Saru wkoll suġġerimenti biex jittieħdu miżuri kontra s-serq ta' arkivji, u biex isiru arranġamenti għar-rkupru ta' dokumenti misruqa. Saret ukoll proposta biex jinholq portal ta' l-UE għall-wirt arkivjali ta' l-Unjoni mkabbra, b'mod li jkun hemm aċċess eħfef għall-arkivji, anki minn pajjiż għall-ieħor, miċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea.

Dawn l-azzjonijiet ta' prijorità għandhom ikunu implimentati permezz ta' koordinazzjoni msaħħa, tqassim ta' informazzjoni, u ta' tpartit ta' prassi tajba fuq livell Ewropew. Biex jintlaħaq dan l-iskop, ir-Rapport jipproponi l-ħolqien ta' Grupp ta' Arkivisti ta' l-Istati membri ta' l-UE u l-Istituttazzjonijiet ta' l-UE. Dan il-Grupp ikun jista' jara li t-tpartit ta' informazzjoni tabilħaqq isir, u jfittex li jkattar il-kooperazzjoni fil-qasam ta' l-arkivji, fuq il-bażi ta' qbil ġenerali u fir-rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Huwa jkun jista' jikkonċentra fuq l-azzjonijiet konkreti indikati fir-rapport u b'mod partikolari fuq l-azzjonijiet ta' prijorità msemija hawn fuq. Il-Grupp ta' l-Arkivisti għandu l-ħsieb li jħejji, wara perjodu ta' tliet snin, l-ewwel rapport dwar il-progress fuq dawn l-azzjonijiet ta' prijorità għall-arkivji fl-Ewropa.

⁵

Għal aktar dettalji, ara s-Sommarju Eżekuttiv tar-Rapport li jinsab meħmuż.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar azzjonijiet ta' prijarità biex tiżdied il-kooperazzjoni fil-qasam ta' l-arkivji fl-Ewropa

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 151 (5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Bħala riżultat tar-Risoluzzjoni tal-Kunsill u tal-Ministri tal-Kultura, imlaqqa' fil-Kunsill fl-14 ta' Novembru, 1991, fuq l-arranġamenti dwar l-arkivji⁶, u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju, 1994 dwar kooperazzjoni akbar fil-qasam ta' l-arkivji⁷, sar progress inizjali lejn kooperazzjoni akbar bejn l-Istati Membri fil-qasam ta' l-arkivji.
- (2) Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju, 2003, dwar l-arkivji fl-Istati Membri⁸ tisħaq fuq l-importanza ta' l-arkivji biex tinftiehem l-istorja u l-kultura ta' l-Ewropa, kif ukoll għat-tħaddim demokratiku ta' soċjetà fi ħdan il-qafas tat-tkabbir ta' l-Unjoni fl-1 ta' Mejju, 2004.
- (3) Saru laqgħat multi-dixxiplinarji, fi ħdan qafas Komunitarju, dwar il-problemi li jeżistu fiż-żamma, il-ħarsien u l-aċċess għal materjal miżmum b'mezzi tekniċi, bil-parteċipazzjoni ta' amministrazzjonijiet pubbliċi u servizzi nazzjonali ta' l-arkivji, kif ukoll ta' rappreżentanti mill-oqsma ta' l-industrija u tar-riċerka.
- (4) Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju, 2003 saħqet fuq il-ħtieġa li jsir aktar żvilupp fl-użu ta' mezzi pprovduti mit-teknoloġija ta' l-informatika u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' l-arkivji.
- (5) Il-Kummissjoni tissottolinea l-ħidma li twettqet mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni fil-qasam speċifiku ta' l-arkivji ċinematografiċi fl-Ewropa, fosthom bir-Risoluzzjoni tal-Kunsill ta' l-124 ta' Novembru, 2003⁹ dwar id-depożitu ta' xogħlijiet ċinematografiċi fl-Unjoni Ewropea u l-Proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-

⁶ ĠU C 314, 5.12.1991, p. 2.

⁷ ĠU C 235, 23.8.1994, p. 3.

⁸ ĠU C 113, tat-13.5.2003, p. 2

⁹ ĠU C 295, tal-5.12.2003, p.5

Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-wirt ċinematografiku u l-kompetittività ta' attivitajiet industrijali relatati, tas-16 ta' Marzu, 2004.

- (6) Fir-Risoluzzjoni tas-6 ta' Mejju, 2003, il-Kunsill stieden ukoll lill-Kummissjoni biex tissottometti rapport dwar is-sitwazzjoni preżenti u l-iżvilupp futur ta' l-arkivji fl-Unjoni mkabbra. Ir-“Rapport dwar l-arkivji fl-Unjoni Ewropea mkabbra”, li tfassal minn grupp ta' esperti mill-Istati Membri, u li tlesta f'Ġunju, 2004, huwa bażi soda għal aktar żvilupp ta' l-arkivji fl-Ewropa. Huwa jinkludi, fuq it-talba tal-Kunsill, proposti għal azzjonijiet prattiċi u linji gwida bil-ħsieb li tiżdied il-kooperazzjoni fuq livell Ewropew fil-qasam ta' l-arkivji,

B'DAN JIRRAKKOMANDA:

- A. Il-miżuri li ġejjin fil-qasam ta' l-arkivji għandhom jitwettqu mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni fis-snin li ġejjin, fl-ordni ta' prijorità murija:

- (1) L-arkivji fl-Ewropa għandhom ikunu mħarsa, u m'għandhiex issirilhom ħsara:
- jiġi żviluppat pjan ta' azzjoni li jitqies bħala mudell biex jinġiebu 'l quddiem miżuri biex id-dokumenti u l-arkivji ma ssirilhomx ħsara minħabba xi diżastru naturali, jew xi aċċident ieħor li jagħmel il-ħsara.
 - jinġiebu 'l quddiem azzjonijiet madwar il-Komunità kollha biex jitħarsu u jkunu restawrati dokumenti u arkivji li tkun saritilhom il-ħsara.
 - jitfasslu u jinġiebu 'l quddiem, mis-servizzi ta' l-arkivji nazzjonali ta' l-Istati Membri, kif ukoll mis-servizzi ta' l-arkivji ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni, livelli u speċifikazzjonijiet għall-kostruzzjoni ta' binjiet ġodda maħsuba apposta biex fihom jitqiegħdu l-arkivji.
- (2) Tisħiħ ta' kooperazzjoni inter-dixxiplinarja Ewropea dwar dokumenti u arkivji elettroniċi:
- tiżdied il-kooperazzjoni għat-tħarish ta' l-awtentiċità, il-ħarsien għal żmien twil, u l-possibiltà ta' aċċess għal dokumenti u arkivji elettroniċi, b'mod partikolari billi jiġu aġġornati u estiżi l-ħtiġijiet preżenti għat-twaqqif ta' sistemi elettroniċi taż-żamma ta' dokumenti u arkivji, bħal ma hi l-MoReq (Ħtiġijiet-mudell għal dokumenti elettroniċi u sistemi ta' żamma ta' dokumenti u arkivji elettroniċi), li jippromwovu amministrazzjoni pubblika aħjar u billi jibqgħu jiġu organizzati l-laqqgħat DLM¹⁰ dwar dokumenti u arkivji elettroniċi.
- (3) Jitwaqqaf u jinżamm Portal fuq l-Internet għad-dokumenti u l-arkivji fl-Ewropa:
- ikun ipprovdut, permezz tas-servizzi ta' l-arkivji nazzjonali ta' l-Istati Membri u s-servizzi ta' l-arkivji ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni, Portal fuq l-Internet li jkun jista' jagħti aċċess eħfef u minn pajjiż għall-ieħor għad-dokumenti u l-arkivji ta' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ta' l-

¹⁰

DLM=Document Lifecycle Management

Unjoni. Dan il-Portal fuq l-Internet jista' jkun ospitat mis-servizz ta' l-arkivji nazzjonali ta' Stat Membru wieħed.

(4) Titmexxa 'l quddiem l-aħjar prassi, għal dak li għandu x'jaqsam mal-liġi nazzjonali u Ewropea, dwar iż-żamma ta', u l-aċċess, għad-dokumenti u l-arkivji:

- Is-servizzi ta' l-arkivji nazzjonali ta' l-Istati Membri u s-servizzi ta' l-arkivji ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni għandhom iżommu għajnejhom fuq l-abbozzi ta' liġijiet ġodda li jkunu se jgħaddu f'dak il-qasam f'xi wieħed mill-Istati Membri, bil-għan li jidentifikaw l-aħjar prassi, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħtiġijiet dwar iż-żamma ta', u l-aċċess, għad-dokumenti u l-arkivji.
- l-informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni arkivjali u leġiżlazzjoni oħra relatata, sew fuq il-livell nazzjonali kif ukoll fuq dak Komunitarju, għandha tinġabar flimkien billi jitwaqqaf *database* biex titħajjar il-firxa ta' dik il-leġiżlazzjoni. Dan id-*database* jista' jkun ospitat mis-servizz ta' l-arkivji nazzjonali ta' Stat Membru wieħed.

(5) Jidħlu miżuri biex ma jsirx serq ta' dokumenti arkivjali:

- jitfassal pjan ta' azzjoni u linji gwida komuni mis-servizzi nazzjonali ta' l-arkivji ta' l-Istati Membri, li bihom ikun jista' jsir it-tpartit ta' l-informazzjoni u l-aħjar prassi, b'mod li jkun miġġieled is-serq ta' dokumenti arkivjali u li titħaffef is-sejba ta' dokumenti misruqa.

B. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni għandhom flimkien imexxu 'l quddiem l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' prijorità identifikati fir-“Rapport dwar l-arkivji fl-Unjoni Ewropea mkabbra”, ta' Ġunju, 2004, imsemmi f'punt A ta' din ir-rakkomandazzjoni. Mhux mistenni li l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri jkollha xi implikazzjonijiet fuq il-baġit ta' l-Unjoni.

C. Jitwaqqaf Grupp ta' l-Arkivji Ewropej, magħmul minn esperti mill-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni biex jara li titwettaq il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni dwar ħwejjeġ ġenerali li għandhom x'jaqsmu ma' l-arkivji, u biex ikompli jsegwi l-ħidma msemmija fir-“Rapport dwar l-arkivji fl-Unjoni Ewropea mkabbra”, ta' Ġunju, 2004, u b'mod partikolari l-miżuri ta' prijorità msemmija fil-punt A ta' din ir-rakkomandazzjoni.

D. Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni, il-Grupp ta' l-Arkivji Ewropej għandu jissottometti rapport dwar il-progress lejn l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' prijorità msemmija f'punt A.

Magħmul fi Brussell,

*F'isem il-Kunsill
Il-President*